# In-Nutar Ġużè Abela – Politiku ta' Prinċipju

## Fil-25 anniversarju minn mewtu



Ġużè Abela u martu Connie



minn ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com

F'Settembru ta' din is-sena, infakkru żewġ anniversarji marbutin ma' żewġ figuri politiċi marbutin mal-Partit Laburista, in-Nutar Ġużè Abela li kien Ministru fis-snin ħamsin u sebgħin u miet fis-7 ta' Settembru 1995 u John J. Cole li kien Ministru fis-snin ħamsin u mbagħad emigra u qatta' l-bqija ta' ħajtu fl-Awstralja u miet 20 sena ilu, nhar it-8 ta' Settembru 2000.

In-Nutar Ġużè Abela

Bin Antonio, magħruf bħala Toni ta' Luċ, u Grazzja mwielda Ebejer, Ġużè Abela twieled Ħad-Dingli nhar il-11 ta' Marzu 1922. Studja fl-Iskola Primarja ta' Ħad-Dingli, il-Liċeo u fl-Università ta' Malta fejn iggradwa bħala Nutar pubbliku fl-1946. Huwa serva bħala gunner fit-Tieni Gwerra Dinjija mal-Artillerija Rjali Maltija u ġie ppremjat bin-1939 Star u l-Africa Star.

Huwa pprattika ta' Nutar il-Belt, Ħaż-Żebbuġ fejn mar joqgħod u Ħal Qormi. Ħafna baqgħu jfaħħru lin-Nutar Abela għar-rettitudni kbira tiegħu f'xogħlu fosthom l-ex Prim Ministru Eddie Fenech Adami, li fil-Parlament kien qal hekk:

"Min jaf lin-Nutar Abela, jaf ukoll li minbarra li kien assidwu fid-doveri tiegħu f'dan il-Parlament, kien nutar magħruf u mqabbad ħafna. Fil-professjoni legali tiegħi mhux darba jew tnejn li kelli l-okkażjoni li nkun preżenti miegħu f'kuntratti li kien jippubblika hu u ħaġa li dejjem kienet tolqotni kienet il-mod kif kien jirrediġi l-atti għall-pubblikazzjoni b'ċertu eżattezza, dawk li aħna nsejħulhom il-korrezzjonijiet, u kif kien idaħħal il-postilli. Dan juri wkoll kif kien il-karattru tiegħu, bniedem ta' dettal, bniedem li dak li għandu jagħmel jagħmlu bl-akbar serjetà." (Kondoljanzi, Seduta Parlamentari tal-25 ta' Settembru 1995)

L-uniku elett mir-Raba' Distrett

Sa minn ċkunitu, Abela kien attiv fil-politika u ta sehmu fil-kumitati lokali ta' Ħaż-Żebbuġ fejn marret tgħix il-familja tiegħu, kif ukoll fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Laburista. In-Nutar Abela kkontesta l-ewwel elezzjoni tiegħu f'Settembru 1950 fuq ir-Raba' Distrett li dak iż-żmien kien jikkomprendi lil Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal-Lija, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli, ir-Rabat, u s-Siġġiewi, u ġie elett.

Dik tal-1950 kienet l-ewwel elezzjoni wara *l-iSplit* fil-Partit, meta Pawlu Boffa kien tneħħa minn Mexxej tal-Partit Laburista u fforma partit għalih, il-Malta Workers Party li fil-Parlament beda jappoġġja lill-Partit Nazzjonalista li mexxa Gvern ta' minoranza.

Tħalli barra d-distrett t'Għawdex, ir-Raba' Distrett kien l-inqas distrett li fih il-Partit Laburista kien ġab voti f'dik l-elezzjoni: 2,400 vot. Il-Partit ta' Boffa kien ġab kważi 3,400. U n-Nazzjonalisti 3,750 vot. Fil-fatt in-Nutar Abela kien l-uniku kandidat tal-Partit Laburista li kien elett mir-Raba' Distrett. Kienu baqgħu l-art Joe Attard Kingswell, l-Avukat Alfred Mifsud u t-Tabib Kalċidon Zammit. Agatha Barbara ukoll ma telgħetx minn dan id-distrett imma kienet telgħet mit-tieni. Mill-banda l-oħra, il-Partit ta' Boffa kien tella' żewġ kandidati: il-Professur Godwin Ganado u lil John J. Cole.

### Baħri tal-Maltemp

Wara l-elezzjoni tal-1950, żewġ deputati li kienu ħarġu f'isem il-Partit Laburista, it-tobba Edwin Craig u Amadeo Fava telqu l-Partit iżda żammew is-siġġu fil-Parlament. Kien hemm min ħajjar lin-Nutar Abela jaqsam il-Kamra, tant li n-Nazzjonalisti offrewlu li jagħmluh Speaker tal-Parlament, imma hu żamm sod. Fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit fl-1950, id-delegati tawh applaws kbir għax baqa' fil-Partit Laburista. Huwa nħatar Whip tal-Grupp Parlamentari Laburista, u baqa' f'dan l-irwol sal-1956.

Fl-1953, in-Nutar intgħażel biex iservi fuq kumitat tal-Partit li ried iħejji l-kandidati għall-elezzjoni, u fl-1955, il-Partit Laburista rebaħ l-ewwel elezzjoni tiegħu wara l-Isplit, immexxi mill-Perit Mintoff. Din id-darba, in-Nutar ġab kważi elfejn vot fl-ewwel count. Fl-1950, kien ġab 660 vot. U l-Partit tella' żewġ siġġijiet oħra, dak ta' Kalċidon Zammit u ta' Cole. Fl-1956, Abela nħatar Deputy Speaker u f'April tal-istess sena sar Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ.

Fl-1958, il-Gvern Laburista rriżenja, u Abela beda jagħmel parti minn kumitati ta' azzjoni ffurmati mill-Partit fil-ġlieda mal-gvern Ingliż. Fl-1960, inħatar bħala l-ewwel Segretarju Internazzjonali tal-Partit. Fl-elezzjoni tal-1962, meta l-Partit Laburista kien mgħobbi bil-piż taddnub il-mejjet, Ġużè Abela li kien interdettjat mill-Knisja bħala parti mill-Eżekuttiv tal-Partit, ma telax għalkemm ma marx ħażin. Mid-distrett tiegħu, li issa kien sar il-Ħames Distrett u saret bidla fil-lokalitijiet li ħareġ fuqhom, kienu telgħu t-tobba Albert Hyzler u Philip Muscat.

Iżda Abela ma qatax qalbu u fl-1966 reġa' ħareġ mal-Partit u did-darba kien elett. Huwa spiċċa fl-iktar grupp fdat mill-Perit Mintoff, flimkien ma' Anton Buttigieg, Ġużè Cassar u Danny Cremona, li Mintoff ċerti affarijiet kien jgħidhom biss lilhom għax kien qed ikun hemm leakages mill-Eżekuttiv.

Fi kliem Alfred Sant, "il-memorja tan-Nutar Abela fostna qatt mhi se tintesa għaliex kien wieħed minn dawk li mhux biss kien suldat tal-azzar meta pajjiżna u l-Partit Laburista kellu bżonn is-suldati tal-azzar imma kien ukoll wieħed minn dawk li flimkien mal-Perit Mintoff bnew lil Malta ġdida li nafu lkoll illum." (Kondoljanzi, Seduta Parlamentari tal-25 ta' Settembru 1995)

### Rebbaħ l-Elezzjoni lill-Partit

Il-voti li wiret Ġużè Abela fuq il-Ħames Distrett fl-elezzjonijiet tal-1971 kienu determinanti biex il-Partit Laburista rebaħ dawk l-elezzjonijiet. Kieku ma ġarax hekk, in-Nazzjonalisti kienu diġà lesti biex imexxu l-Gvern bis-siġġijiet avolja ma kellhomx il-maġġoranza tal-voti, kif fil-fatt għamel il-Partit Laburista għaxar snin wara.

Fl-ewwel għadd tal-Ħames Distrett, il-Partit Laburista ġab 21 vot biss iktar mill-Partit Nazzjonalista. Sas-seba' għadd, siġġu kien għadu qed jilgħab bejn il-partiti. Kien hemm tensjoni kbira fis-sala tal-għadd tal-voti li dak iż-żmien kienet in-Knights Hall (Dar il-Mediterran). Sakemm fit-tmien għadd, Abela wiret biżżejjed voti mingħand żewġ kandidati Nazzjonalisti (20 vot mingħand it-Tabib Frank Muscat u 26 min-Nutar Philip Saliba) biex il-Partit Laburista assikura t-28 siġġu tiegħu u hekk kellu maġġoranza ta' siġġijiet li biha seta' jmexxi.

### "Aħleb Ġuż!"

Wara r-rebħa elettorali tal-Partit Laburista fl-1971, in-Nutar Abela nħatar Ministru tal-Finanzi u d-Dwana. Minn hawn 'il quddiem, il-Ministru Abela ta kontribut enormi fil-qasam finanzjarju ta' Malta. Kien il-moħħ biex mill-Isterlina qlibna għal-Lira Maltija u daħħal is-sistema PAYE - Pay As You Earn. Fl-1976, reġa' ġie kkonfermat fil-kariga u żdiedlu wkoll l-Investiment tal-Poplu. Kienu disgħa l-budgets li ppreżenta Abela f'isem gvernijiet Laburisti, u kien l-ewwel Ministru li ppreżenta l-Budget bl-ilsien Malti, xi ħaġa mfaħħra mil-lingwisti dak iż-żmien.

Forsi ħafna jiftakru l-frażi ta' Mintoff li baqgħet popolari "Aħleb Ġuż!" li Mintoff kien qalha lil Ġużè Abela bħala Ministru tal-Finanzi fis-sens li issa l-Gvern Malti seta' "jaħleb" minn attivitajiet li qabel kienu jsiru mill-barranin u jagħmel qligħ lill-ekonomija Maltija permezz ta' korporazzjonijiet li waqqaf bħall-Enemalta, Telemalta, Air Malta, Gozo Channel, Medigrain u oħrajn li l-qligħ tagħhom beda jmur fil-kaxxa ta' Malta u seta' jiffinanzja l-ispiża tal-Gvern mingħajr il-bżonn li jiddejjen.

### Sod fil-Prinċipji

Iżda fit-tieni amministrazzjoni Laburista tas-snin sebgħin, in-Nutar Abela beda jara affarijiet fil-Partit u fil-Gvern li hu ma kienx jaqbel magħhom u li niktuh u weġġgħuh ferm. U ta' bniedem integru li kien, nhar it-18 ta' Ġunju 1979, huwa rriżenja minn Ministru u minn membru Parlamentari, għalkemm xorta baqa' jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Partit Laburista, imma qatt ma reġa' ħareġ għall-elezzjoni. Fl-ittra tar-riżenja tiegħu, Abela kien kiteb li kien "imdejjaq u mxabba' mill-politika".

Fl-1995, l-eks Prim Ministru Alfred Sant tkellem hekk fil-Parlament: "F'isem il-Partit Laburista u f'ismi, nixtieq nagħti ġieħ lin-Nutar Ġużè Abela li għal snin twal immilita b'mod mill-aktar eżemplari fi ħdan il-Partit Laburista. Kien wieħed mill-Ministri u politiċi Laburisti ewlenin tas-snin ħamsin, kien wieħed mis-suldati tal-azzar tas-snin sittin u baqa' dejjem sod fil-prinċipji tiegħu, dejjem ċar fil-linja li kien jieħu u dejjem rett fil-mod kif mexxa l-Ministeri li kien responsabbli għalihom kif ukoll ix-xogħol politiku li kien fdat f'idejh."

"Fis-snin sebgħin reġa' kien Ministru Laburista u żmien wara l-ieħor ikkonferma mhux biss il-prinċipji u t-twemmin tiegħu fil-prinċipji Laburisti u Soċjalisti imma wkoll id-determinazzjoni tiegħu li minn Malta nagħmlu pajjiż ħieles, modern u ħanin... Kien bniedem li jħares 'il quddiem, kien bniedem li ma kienx lest jagħmel kompromessi ma' dawk li kien iqis li huma affarijiet tal-akbar serjetà u kien politiku li matul is-snin li dam fil-politika kien lest il-ħin kollu, anke bl-eżempju personali tiegħu, jagħti xhieda tal-fatt li s-Soċjaliżmu u l-Laburiżmu f'pajjiżna kien qiegħed jaqdi missjoni enormi, missjoni li jimmodernizza u jagħti lil pajjiżna. F'dan is-sens, naħseb li l-Maltin u l-Għawdxin kollha għandhom id-dover li jagħtu ġieħ lin-Nutar Ġuże' Abela."

### Imfaħħar mir-Rivali

Għalkemm ġej mill-partit oppost, Eddie Fenech Adami ikkonferma dan meta qal: "Naħseb li hawn qbil bejn kulħadd li n-Nutar Abela kien bniedem ta' karattru sod, kien bniedem determinat u kien bniedem li ma kienx jaf x'inhuma kompromessi fejn jidħlu prinċipji li kien jemmen fihom hu. Jiena naħseb li l-ħajja tiegħu parlamentari uriet li dejjem kien konsistenti f'dawn il-prinċipji tiegħu sakemm dam deputat hawnhekk."

"F'dan il-Parlament kellu karriera twila; ġie elett l-ewwel darba fl-1950 u prattikament baqa' dejjem jiġi elett ħlief f'elezzjoni waħda sakemm irtira fl-1979. Kien deputat, kien viċi-president ta' din il-Kamra u kien Ministru, u dejjem mexa b'dan is-sens ta' rettitudni. Naħseb li lkoll għandna x'nemulaw f'dawn il-karatteristiċi sbieħ tiegħu."



Ġużè Abela bilqiegħda fuq ix-xellug ħdejn Agatha Barbara flimkien ma' xi membri tal-Kabinett tal-1976

"Jiena, bħala Prim Ministru, kelli l-unur u l-okkażjoni li nirrakkomanda biex il-President ta' Malta jagħti ġieħ lin-Nutar Ġuże' Abela billi għall-kwalitajiet tiegħu u għas-servizz li ta lil pajjiżna ġie nominat uffiċjal tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu ta' Malta. B'dak l-att, f'isem l-Istat Malti, kellna okkażjoni nonoraw lin-Nutar Ablea għas-servizz li huwa ta lil pajjiżu." (Kondoljanzi, Seduta Parlamentari tal-25 ta' Settembru 1995)

Fil-Bord ta' Viġilanza tal-Partit

Fl-1988, wara d-disfatta elettorali, il-Partit Laburista waqqaf Bord ta' Viġilanza u Dixxiplina u fit-3 ta' Awwissu ħatar bħala l-ewwel chairman tiegħu propju lin-Nutar Abela, kariga li huwa żamm sal-1992. Kien żmien ta' deċiżjonijiet iebsa bħas-sospensjoni tal-ex Ministru Lorry Sant mill-Partit. Ġużè Abela marad b'marda terminali u miet nhar is-7 ta' Settembru 1995, propju bħal għada 25 sena ilu. Id-destin ried li xahar wara, miet ukoll Lorry Sant, b'marda terminali hu ukoll.

Alfred Sant qal li lin-Nutar Abela "jien sirt nafu l-aktar fl-aħħar snin, meta mill-ġdid kien qiegħed jagħti servizz lill-Partit Laburista u mill-esperjenza personali tiegħi niftakar il-kuraġġ li bih kien jaffronta matul snin sħaħ l-għafsa ta' marda li kienet kiefra minnha nnifisha imma li matulha qatt ma rnexxilha tnaqqaslu jew traqqaqlu mill-moral u l-kuraġġ morali li bih kien jaffronta x-xogħol u l-isfidi tal-ħajja."

### Bniedem tal-Familja

Nhar it-18 ta' Lulju 1948, in-Nutar Ġużè Abela kien iżżewweġ lil Connie, imwielda Medici, minn Ħal Tarxien, u kellhom erba' ulied: Anthony, Christopher, Valerie u Sandra. Il-kbir, Anthony Abela Medici kien espert forensiku li ta servizz kbir lill-pajjiż għal żmien twil.

Dwar dan, Fenech Adami kien qal hekk: "In-Nutar Abela kien ukoll bniedem tal-familja u nafu wkoll li wieħed minn uliedu qiegħed fis-servizz tal-pajjiż. Ċertament li n-Nutar Abela rabba familja kif inhi x-xewqa tagħna lkoll li naraw il-familji tagħna jitilgħu b'sens ta' dedikazzjoni għal pajjiżna."

"Jiena kelli okkażjoni nkun preżenti waqt il-funeral tiegħu; kellu knisja mballata bin-nies li juri r-rispett li huwa kien igawdi mill-poplu fejn kien jgħix u fejn kien twieled rifless naturalment fil-fatt li għal diversi drabi kien ġie elett deputat f'din il-Kamra."

Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Ħad-Dingli. F'Ħad-Dingli, fejn twieled, hemm pjazza msemmija għalih, b'monument tiegħu ukoll. U f'Ħaż-Żebbuġ, fejn għex, hemm triq imsemmija għalih.